# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 39/K9/22**

Data tal-laqgħa: 28 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Martin John Sultana - Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

**Inqrat it-Talba.**

**39.1** Iċ-Ċermen talab li ssir minuta silenzja bħala turija ta' rispett għall-mewt tas-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri u intqalet talba għal-ruħu. Wara ġie suġġeriet li tintbagħat ittra uffiċċjali lill-familjari tas-Sur Paul Spiteri, bil-kondoljanzi.

**39.2** Iċ-Ċermen talab li ssir sospenzjoni tal-Aġenda minħabba is-sitwazzjoni u ser ikunu qed jiġu diskussi diversi materji li huma urġenti. L-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Huwa nforma wkoll li l-laqgħa ser tkun qed tiġi rrekordjata.

**39.3** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-funeral tas-Sur Paul Spiteri ser isir nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2022 fid-9.00a.m. fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta. Ser ikun qiegħed jinkera vann sabiex l-istaff u l-Kunsilliera jkunu jisgħu jmorru flimkien. Huwa nforma ukoll li l-uffiċċju ser jinżamm magħluq nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2022 b'turija ta' rispett.

**39.4** Iċ-Ċermen issuġerixxa li l-board room tal-Kunsill tiġi msemmija għas-Segreterarju Eżekuttiv Paul Spiteri. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda l-oġġezzjoni li tisemma' Sala Paul Spiteri.

**39.5** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser tkun qed issir quddiesa għal-memorja ta' Paul Spiteri nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fis-6.30p.m. ġewwa l-Paroċċa ta' San Ġiljan f'eghluq mix-xahar mill-mewt tiegħu. Huwa talab li kulħadd ikun preżenti inkluż l-istaff. Ser ikunu qed jiġu nfumati ukoll il-familjari.

**39.6** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li preżentament ma' kellniex handover, u għaldaqstant ser inkunu qed naraw eżatt x'hemm pendenti minħabba li qegħdin fi stadju li ma nafux kollox. Huwa nforma wkoll li iridu ningħataw iċ-ċans sabiex nsolvu l-problemi bl-informazzjoni li nafu. Huwa talab lill-Kunsill li għandhom jifhmu is-sitwazzjoni kurrenti. Huwa informa wkoll li minħabba s-sitwazzjoni ser ikun qiegħed ikun aktar preżenti ġewwa l-uffiċċju.

**39.7** Iċ-Ċermen Albert Buttigieg ippropona li s-Sinjorina Cher Carmen Fenech li preżentament għanda l-kariga ta' Assistent Prinċipal tingħata l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm jibda u jitlesta' l-proċess tal-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni qasira il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ fl-approvazzjoni ta' din l-għażla. Il-Kunsill qabel unanimament. Ser

inkunu qed nibdew il-proċess mill-aktar fis sabiex jinbidlu il-firmatarji.

**39.8** Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-ittra ta' kif ser tkun qed tinħareġ is-sejħa pubblika għal-post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament u l-ittra ser tkun qed tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isir vetting u wara ikun jista' jitkompla l-proċess kif inhu mitlub mid-Dipartiment. Ser ikun qiegħed jinħatar board ta' membri minħabba din is-sejħa. Dan ser ikun magħmul minn board ta' tlett membri li jinkludu is-Sindku, membru ieħor tal-Kunsill u rappreżentant mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Ser ikun qiegħed ukoll jinħatar Segretarju tal-board u ġie ssuġġerit li tinħatar is-Sinjura Jeanette Galea is-Segretarju tar-Reġjun Lvant. Ser inkunu qed nitolbu lis-Sinjura Galea jekk taċċetax din il-proposta.

**39.9** Il-Kunsillier Guido Dalli iltaqa' mal-Assistant Kummissarju Mamo, fejn tat il-kondoljanzi fir-rigward tan-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv.

**39.10** Iċ-Ċermen spjega li llum kien hemm *deadline* dwar l-iskema ta' l-attivitajiet kulturali u talab li ssir estensjoni tagħha u din ġiet imġedda għall-gimgħa oħra.

**39.11** Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab il-korrispondenza dwar l-iskema tal-Bellus. Iċ-Ċermen infurmaħ li jista' jmur l-uffiċċju u jikkordina l-affarijiet.

**39.12** Iċ-Ċermen flimkien mal-Viċi Sindku spjegaw li din is-sena ser nerġgħu nżejnu l-pont tal-Knisja ta' San Ġiljan għal Jum San Valentinu.

**39.13** Iċ-Ċermen flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv qajmu l-punt dwar il-performance bonus tal-mibki is-Sur Paul Spiteri. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet f'kuntatt mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġie spjegat li huwa intitolat għal-performance bonus tas-sena 2021. Dan għandu jkun pagabbli lin-*next of kin.* Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-full performance bonus ta' 10%.

**39.14** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hu flimkien ma' Cher ser ikunu qegħdin jiltaqgħu mal-accountant tal-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-finanzi tal-Kunsill.

**39.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

39.2.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

**39.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

39.3.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-Minuti 38/K9/21 għall-approvazzjoni.

39.3.02 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

39.3.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaħ fl-approvazzjoni.

39.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

39.3.05 Fir-rigward punt numru 38.3.04, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dan il-proċess miexi fir-rigward il-kontraċettivi tal-ħamiem ġewwa l-Balluta.

39.3.06 Fir-rigward punt numru 38.4.02 dwar l-LC1, din kienet għadha ma ntbagħatitx min-naħa tas-Segretarju.

39.3.07 Tqajjem il-punt dwar 38.4.06 fejn ser inkunu qed nibagħtu l-ittra lis-Sur Anthony Chircop li laħaq bħala l-President tal-Reġjun. Filwaqt li ser tkun qed tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Micheal Fenech Adami ghas-servizz li ta għal dawn is-snin mar-Reġjun u ittra lis-Sinjura Graziella Attard Previ għal kariga tagħha l-ġdida bħala Sindku ta' Tas-Sliema. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġerit ukoll li tintbagħat ittra lill-Viċi Sindku is-Sur John Pillow.

**39.4 Talbiet żgħar;**

**39.4.01 Email dwar SPI/SCI/7/2020 Espressjoni ta' Interess Smart Solutions għall-Immaniġjar tal-Iskart. (Inc. 26603/22)**

39.4.01.01 B'riferenza għall-email t'hawn fuq il-Kunsill ġie nfurmat li din it-talba ma ġietx milqugħa minħabba li ma konniex eliġibli minħabba li ma mxejniex ma' ċertu regoli mitluba min-naħa tagħhom.

**39.4.02 Email dwar Ambjent Malta - Call for Applications - Local Council Urban Greening Scheme 2022 (Inc.27057/22)**

39.4.02.01 B'riferenza għall-email t'hawn fuq il-Kunsill iddeċida li ser inkunu qed napplikaw għal din l-iskema u ser ikunu qed jikkordinaw iċ-

Ċermen u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul spjega li importanti li timtela' l-LC1.

**39.4.03 Email dwar CCTV Camera fi Triq il-Baltiku lBin site (Inc. 27211/22)**

39.4.03.01 B'riferenza għall-email t'hawn fuq il-Kunsill qabel mal-proposta li ingħatat mill-GreenPak sabiex dawn il-cameras jsiru kompatibli mas-sistema tal-LESA minħabba li l-cameras li hemm preżenti mhumiex kompatibbli. Min-naħa tal-GreenPak offrew li joffru s-servizz kollhu meħtieġ inkluż l-ispiża tal-cameras infushom u li l-Kunsill ser ikun qiegħed biss jħallas €29.50 fix-xahar. Dawn ser ikunu qed jiġu mmoniterjati min-naħa tal-LESA. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**39.4.04 Email mingħand l-impjegata Marilyn Demanuele dwar talba għat-terminu ta' *carrier break.* (Inc. 27333/22)**

39.4.04.01 B'riferenza għall-email t'hawn fuq, il-Kunsill laqa' it-talba tas-Sinjura Demanuele iżda din it-talba ser tibqa valida sa meta jintlaħaq Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li preżentament l-istaff ser ikun qiegħed jiġi kkordinat kif mitlub mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**39.4.05** Reġgħet inġabet għall-attenzjoni il-korrispondenza dwar Skema SPI/SCI/9/2021 dwar skema għall-attivatijiet kulturali annwali 2021. Ser inkunu qed napplikaw għal din l-iskema sabiex issir attivita' fuq il-linji gwidi ta' din l-iskema. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament.

**39.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

39.5.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 17 ta' Frar 2022 fl-4.00p.m.

39.5.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Cher Carmen Fenech**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 17 ta' Frar 2022